MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 711/2001/1

Avviz Nru: 711/01 DM

M.A.M. Company Ltd

Vs

Hearth Commodities Co. Ltd

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghal hlas tas-somma ta' tlett elf hames mija sitta u sebghin lira Maltija sitta u sebghin centezmu (Lm3576.76) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merce mibjugha u debitament ikkonsenjata lis-socjeta konvenuta mis-socjeta' attrici, bl-imghax dekorribbli mis-7 ta' Mejju 1998 u cioe data tal-ahhar

konsenja, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Frar, 2001, u tal-mandat ta' sekwestru numru 1954/01 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccipiet illi:

1 Din l-azzjoni hija intempestiva u ghalhekk, is-socjeta konvenuta m'ghandiex tbati l-ispejjez ta' din l-istanza;

2 Is-socjeta attrici ghandha ticcara l-ammont pretiz mis-socjeta konvenuta;

3 Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut kif jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Noel Agius prodott mill-kumpanija konvenuta ma tirrigwardax il-quantum tal-bilanc illi l-atturi qieghed jippretendu illi ghad ghandhom jiehdu minn ghand il-kumpanija konvenuta, imma tirrigwarda biss in-natura tal-ftehim illi huwa jsosstni li kellu mal-kumpanija attrici peress illi filwaqt illi l-kumpanija attrici jsosstni illi r-relazzjonijiet bejn iz-zewg kumpaniji kienu jkunu purament dawk ta' bejgh, fis-sens illi l-kumpanija attrici kienet tbiegh merkanzija lill-kumpanija konvenuta u kienet tikkoncedilhu xi zmien ghal hlas tal-prezz dovut, il-konvenut isosstni illi l-kumpanija attrici kienet biss tikkonsenja merkanzija 'on consignment' lill-kumpanija konvenut li kienet obbligata biss thallas il-prezz wara li hi l-kumpanija kovenuta tkun bieghet il-merkanzija lill terzi.

Id-dokumenti kollha esibiti ma jindikaw xejn mill-ftehim illi qieghed jallega Noel Agius ghall-kumpanija konvenuta anzi mid-dokumenti esibiti tirrizulta indikazzjoni illi l-konsenja tal-merkanzija mill-kumpanija attrici lill-kumpanija konvenuta kienet tkun parti integrali mill-ftehim tal-bejgh bil-prezz indikat fuq l-'invoices' li kienu jakkompanjaw il-merkanzija.

Ghalhekk jispetta lill-kumpanija konvenuta li tipprova xi ftehim specjali li ma jirrizultax mid-dokumenti.

Infatti l-istess Noel Agius mid-deposizzjoni jsosstni illi l-ftehim minnhu allegat jirrizulta biss minn diskussjonijiet li kien ikollu ma Michael Scerri, Direttur tal-kumpanija attrici.

Izda  din l-allegazzjoni weheda minghajr ma hi sorretta minn ebda ndizju jew cirkostanza ohra li tista' tindika xi ftehim iehor bejn il-kontendenti oltre dak ta' bejgh ma tistghax  tigi accettata.

Infatti l-indizji li jirrizultaw mill-provi prodotti kollha jikkoroboraw  it-tezi tal-atturi illi effettivament il-merkanzija li kienet tigi konsenjata u accettata mill-kumpanija konvenuta, kienet tigi kkonsenjata bi ftehim ta' bejgh.

Infatti ebda dokument ma jindika li l-merkanzija kienet qed tigi kkonsenjata 'on consignment' u l-istess Noel Agius jammetti illi anke l-pagamenti sporadici li kien jghamel hu ma kienux jirriflettu xi ftehim iehor oltre dak ta' bejgh kif allegat mill-atturi.

Ghal dawn il-motivi fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma mitluba   ta' tlett elf  hames mija sitta u sebghin lira Maltija sitta u sebghin centezmu (Lm3576.76) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mill-7 ta' Mejju tal-1998;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------